**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Marzu 2024**

**Rikors Guramentat numru : 47 /2020 AGV**

**GC**

**v.**

**AC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' G C, fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1.Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Gunju 2003, u minn dan iz-zwieg, twieldu tlett ulied minuri LL li twieled nhar l-14 ta' Awwisu 2004, M li twieldet nhar it-12 ta' Ottubru 2008 u K L C, li twieldet nhar it-18 ta' April 2015 (ara Dok A sa Dok D hawn annessi).

2.Illi z-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba vjolenza, eccessi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut.

3.Illi l-konvenut huwa persuna manipulattiva u abbusiva psikologikament, fizikament u finanzjarjament kemm fil-konfront tal-esponenti kif ukoll fil-konfront tat-tfal kif se jirrizulta mill-provi, liema abbuz kien ta' detriment qawwi ghalihom, partikolarment il-minuri L L u M .

4.Illi in oltre, il-konvenut ghandu l-vizzju tad-drogi u anke jittraffika d-drogi tant illi prezentement ghaddej b'kumpilazzjoni quddiem il-Qorti kriminali. Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibli tort unikament tal-konvenut.

5.Illi l-esponenti fethet il-proceduri ta' medjazzjoni bit-tama li tasal ghal ftehim bonarju izda minhabba nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-konvenut sabiex jibda jghaddi manteniment adegwat u jerfa' r-responsabbilità sabiex jithallas id-dejn, l-aktar dak li ghamel ghan-nom ta' huh AC , liema nuqqas wassal sabiex issir subbasta fil-konfront taghhom sabiex tinbiegh id-dar matrimonjali.

6.Illi ghaldaqstant, hija giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 10 ta' Jannar 2020 (ara Dok. E).

7.Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment.

Jghid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tordna li l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur, ai termini ta' l-Artikolu/i 154 tal-Kodici Civili, u dan fl-interess suprem tal-minuri.

3. Tordna l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri L L , M , u K  ahwa C ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti.

4. Tawtorizza lill-esponenti tiehu d-decizjonijiet kollha rigward sahha, edukazzjoni, safar u hrug ta' passaporti tal-minuri L L , M , u K L  ahwa C , minghajr il-kunsens tal-konvenut u li taghti dawk il-provvedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri fl-ahjar interess taghha.

5. Tordna li l-minuri  LE , M , u K L ahwa C,  ghandhom jirrisjedu mal-esponenti u li d-domicilju u r-residenza ordinarja tal-minuri ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin.

6. Tordna li l-access tal-konvenut ghall-minuri L E,  M , u  K L  ahwa C  jkun sospiz, jew li l-konvenut ikollu access taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dan wara li jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri, anke tramite assessments appoziti, tenut kont tal-agir manipulativa u possessiva tal-konvenut u taghti dawk il-provedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri.

7. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-esponenti u ghall-minuri  LL , M,  u KL  ahwa C , inkluz l-ispejjez kollha relatati mal-minuri li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti. Dan ghandu jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jaghlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeciedi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna

illi dawn l-alimenti jigu  mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh  tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu  depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja u li l-esponenti tircievi kwalunkwe beneficcji tat-tfal, inkluz imma mhux limitatament, *ic-children's allowance,* fl-intier taghhom.

8. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha, hrug tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm jkunu ghadhom qed jistudjaw, inkluż spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjez kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment.

9. Tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment u/jew ta' spejjez kollha ohra relatati mal-minuri lill-esponenti; u dan skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

10. Tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti thoss il-htiega, din l-Ordni tigi estiza a favur it-tlett uliedha minuri LL,  M   u K L  ahwa C.

11. Tordna li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lil-konvenut, mhux necessarjament b'mod ugwali u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

13. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

14. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tghix fid-dar matrimonjali *Flat 1, Mon Cherie, Triq L. Zamenhof, Imsida* ad eskluzjoni tal-konvenut.

15. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

16. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-Ittri ta' Medjazzjoni.

17. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' AC** datata 22 ta' Gunju 2020 fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-esponent ma joggezzjonax ghall-ewwel talba limitatament ghall-pronunzjamemt tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda jopponi ghat talba in kawntu l-attrici qieghda titlob li tigi dikjarat li tali firda kienet kkaguntat minn tortijiet da parti tal-esponent.

2. Illi kif ser jigi ampjament ttratat u ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza il-firda bejn il-partijiet waslet minhabba agir tal-attrici fosthom adulterju u tradimenti ohra tul il-hajja konjugali.

3. Illi l-esponent jopponi ghat-tieni, tielet, ir-raba' u il-hames u s-seba' talbiet u tali ghandhom jigu michuda stante illi nfondati fil-fatti u fid-dritt fejn l-attrici qed titlob li l-esponent jigi mcahhad minn uliedu jew ma jkunx partecipi fil-kura u l-kustodja anzi jezistu l-estremi fejn l-agir ta' attrici fil-prezent, huwa wiehed li hija ma timmeritax il-kura l-kustodja tat-tfal minuri ghax bl-ezempju u l- agir taghha hija qed tipperikola t-trobbija taghhom. L-esponent jeccepixxi li l-kura u l-kustodja ghandha tkun wahda kongunta mentri r-residenza tal-minuri ghadha tigi deciza wara li jsir assessment minn professjonisti biex jevalwaw il-hajja, l-agir u r-relazzjoni tal-minuri mal-partijiet u tali parir professjonali biex tigi deciza r-residenza u access favur il-minuri.

4. Illi l-esponent jopponi ghas-seba', tmien u disa' talbiet stante illi l-esponent umilment jissottometti illi l-attric qed tghix fid-dar matrimonjali ghad eskluzjoni tal-esponent u di piu' l-attrici zammet diversi flejjes li kienu d-

dar matrimonjali li jlahhqu l-eluf ta' Ewro u certament tali huma bizzejjed ghat-trobbija tal-minuri.

5. Illi l-esponent jopponi ghall-ghaxar u hdax-il talba u tali ghandhom jigu michuda stante li ma jezistux l-estremi li jinhargu Ordni ta' Protezzjoni u di piu' huwa mhux hati tat-tifrik taz-zwieg izda kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza hija l-attrici li hija hatja ta' tradiment u adulterju tul il-hajja mizzewga u se mai d-dekadenza ghandha tapplika favur l-attrici.

6. Illi l-esponent ma ghandhux oppozzizjoni ghat-tnax-il talba.

7. Illi l-esponent jopponi ghat-tlettax u erbatax-il talba u tali ghandhom jigu michuda stante illi ma jezistu l-ebda mobbli u immobbli dotali jew parafernali lilll-attrici ma jezistux l-estremi biex l-attrici tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tar-ragel izda jithallas id-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti liema dejn sar bil-kunsens u bil-partecipazzjoni tal-attrici u l-bilanc jigi diviz bejn il-partijiet.

8. Illi l-esponent ma ghandhux oppozizzjoni dawr it-talbiet numru hmistax, sittax u sbatax.

**Bl-ispejjez konta l-attrici minn issa ngunta in subizzjoni.**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

## Fatti

1.L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut fit-23 ta' Ottubru, 1995 u kellhom gherusija ta' tmien snin. Tghid li kellhom gherusija tajba, pero' kien ikollhom xi jghidu u f'dawk l-okkazzjonijiet, il-konvenut kien isir aggressiv.

Fl-2000 tghid li kienu xtraw dar gewwa l-Imsida (Mon Cheri, Triq L.Zamenhoff, Msida) bil-prezz ta' Lm27, 500 (€64,057.85) u ghal dan l-iskop kienu hadu self mill-bank HSBC fl-ammont ta' circa Lm22, 900 (€53,342.72). Ir-rimanenti ammont kienet hallsitu hi mill-flus li kienet warred mill-paga taghha.

Sadanittant, il-konvenut kien ihallas self fuq il-karozza Escort.

Tikkonferma li kienu zzewwgu fil-21 ta' Gunju, 2003 u kienu marru jghixu fil-post taghhom u kollox kien miexi harir. F' Dicembru, 2003 saret taf li kienet tqila bit-tifel LL li twieled fl-14 ta' Awissu, 2004.

Tispjega li f'Ottubru, 2004, ommha kienet xtratilha karozza peress li taghha kienet fi stat hazin hafna. Ommha kienet tatha Lm4,500 (€10, 482.19) u kienet issellfet flus mill-bank sabiex thallasilha. Illum mhux qed tuza dina l-vettura peress li hemm mandat ta' sekwestru fuqu u ma tistax iddawwarha fuqha, tant li recentement kellha tixtri vettura ghaliha.

L-inkwiet beda l-iktar meta l-genituri tal-konvenut kellhom imorru jghixu maghhom ghall-perjodu peress li kien waqalhom is-saqaf. Omm il-konvenut kienet tindahal kif ghandha trabbi lit-tarbija u l-familja tieghu kienu joqoghdu jixorbu u jpejjpu d-dar u anke gieli kienu jiggieldu peress li omm il-konvenut kienet tonfoq il-flus fit-tombla.

Ftit wara li telqu, l-affarijiet bejniethom kienet qalbu ghall-ahjar sakemm missier il-konvenut kien miet u l-konvenut kien hada bi kbira hafna u beda jizvoga fix-xorb. Kienet taf ukoll li kien qieghed f'relazzjoni mas-sekonda kugina tieghu SMK . Kienet ikkonfrontatu, izda kien talabha sabiex ma tindahalx u ghalhekk kienet biss iffukkata sabiex trabbi lil binha.

Pero' maz-zmien kienet ghajjiet u kien ghall-habta tas-sena 2006, li kienet ikkonfrontat lill-konvenut peress li kien baqa' jixrob u johrog u minn fuq kien hebb ghaliha. Kienet bezghat u kien ghalhekk li kienet marret Dar Merhba Bik, flimkien mat-tifel, izda kontra l-parir tal-avukat kienet marret lura d-dar u dan minhabba li ma xtaqitx li t-tifel jitrabba minghajr missier.

Wara li rritorna lura d-dar kien waqaf jixrob u f'April, 2007 kienu hadu hanut St. Philip Confectionary, fil-Hamrun. Kienu hadu *overdraft* u ziedu mal-*loan* li kellhom mal-Bank of Valletta sabiex jarmaw il-hanut. Ghall-bidu tishaq li kienu sejrin tajjeb hafna, izda xi tlett xhur wara, il-konvenut beda jaghmilha ma' nies kriminali u beda jiehu d-droga u ndunat ukoll li kien qed jittraffikaha.

Tant kien ghamel perjodu hazin bid-droga, li spiccaw kellhom jaghlqu l-hanut minhabba d-dejn li kellhom, li kien jammonta ghal circa Lm8000 li kienu jinkludu kontijiet tad-dawl u ilma u ikel li kienu jixtru biex ibieghuh. L-ispejjes zdiedu meta regghet kienet harget tqila, ghax hi ma setghetx tahdem u lanqas ma seta' jahdem il-konvenut minhabba l-istat li kien fih minhabba d-droga. Kienu jghinuhom ftit il-genituri taghha.

F'Awissu, 2008, tispjega li l-konvenut beda jahdem bhala waiter f'ristorant il-Waterfront Birgu u hi gieli kienet tmur tahslilhom. Sadanittant kienet twieldet it-tifla M f'Ottubru, 2008 u sa dak iz-zmien kienu mixjin sew u l-konvenut kien qed jahdem go fabbrika, flimkien ma' huh. Kien bejn Jannar u Frar, 2009, li l-konvenut kien infurmaha li kien ser imur certu MT biex jaraha d-dar taghhom u

dan wara huh A  kien ghamel hafna dejn ma' nies kriminali minhabba l-fabbrika li kienet f'ismu St. Philips Caterers Ltd.

Kien f'April, 2009, li l-konvenut rcieva telefonata minn certu  DG  li nfurmatu li kien hemm madwar €40,000 dejn bejn huh A  u certu J.  Ftit granet wara kienet marret id-dar taghhom u riedet li d-dar taghmel tajjeb ghad-dejn li kellu huh A . Meta rrifjutat li jsehh dan, dina G  harget pistola u heddidthom li ser tispara jekk l-attrici ma kinitx ser tiffirma l-karti li kellha.

Il-konvenut kien informa l-huh li wieghdu li kien gej lura Malta, izda sadanittant din D  kienet cemplitilhom sabiex jiltaqghu ghand in-Nutar u jiffirmaw id-dokumenti li kellha sabiex jikkonfermaw li d-dar tieghu kienet qed taghmel tajjeb ghad-dejn ta' hu l-konvenut. Din D  kienet qed theddidhom b'pistola.

Dan l-incident halla impatt negattiv fuq il-minuri, tant li l-ghalliema tal-iskola kienu rrakkomandaw lill-attrici biex tmur ic-CDAU. F'dan il-mument, l-minuri kien spicca li jbati minhabba l-glied bejn il-genituri.

Fl-2010, il-partijiet iddecidew li jbieghu d-dar matrimonjali u dan minhabba li ma kellhomx bizzejjed flus sabiex ihallsu d-dejn li kien ghad fadlilhom u ftit xhur wara kienu qataghlhom id-dawl.

Kienu spiccaw marru joqoghdu fil-post tal-genituri taghha f' San Giljan, fejn kellhom biss zewgt ikmamar. F'dan il-perjodu, ghalkemm tispjega li l-konvenut kien waqaf jiehu d-droga, kien baqa' jiltaqa' ma' dina S  ghax kienet taralu l-messaggi, kif ukoll kien iqatta' hafna hin ma' huh A,   li kien gie lura mill-Inghilterra. Kien beda jghin lil huh ihallas id-dejn u kien anke jghaddi xi flus lil ommu peress li huh ma kienx jahdem u dan ghad-detriment tal-familja taghhom peress li bdew jaqghu lura fil-pagamenti taghhom u l-konvenut kien jinjoraha.

Fl-2011, itenni li kienet iddecidiet li tipprocedi bis-separazzjoni u fil-fatt kienu sseparaw konsenswalment. Izzid tghid li minkejja li l-konvenut kellu jitlaq mid-dar tal-ġenituri taghha, kien baqa' hemm u kien jippersegwitaha, li ddecidiet li kien ahjar jekk jirrikonciljaw.

Tul dan iz-zmien kienu ghamlu perjodu fejn kienu mixjin tajbin u kienu anke bdew negozju tat-taxis u kienu sejrin tajjeb, tant li kienu mpjegaw in-nies maghhom. Fil-fatt kienu xtraw karozza ohra Skoda Ottavia b'numru ta' registrazzjoni ALY 111 ghall-valur ta' €30,000. Tikkonferma li kienet hallset id-depozitu ta' €1,800 mill-flus li kienet gemmghat mir-relief, €1,500 ghal-licenzja u insurance u r-registrazzjoni tat-taxi li jammonta ghal €300 fis-sena.

Tant kienu sejrin tajjeb li rnexxielhom ihallsu l-kont pendenti tad-dawl u marru joqoghdu lura fid-dar matrimonjali.

Fit-18 ta' April, 2015 kellhom it-tarbija K L u l-affarijiet bejniethom kienu mixjin harir, sakemm il-konvenut beda jaghmel affarijiet bla ma jikkonsulta maghha, bhal kera Sunflower garaxx, xtara karozza *second hand* Chevrolet FLY 026 ghall-valur ta' €10,000 u kera garaxx iehor ghall-prezz ta' €300 ix-xahar taht id-dar fl-Imsida. Ma kienx jaghtiha soddisfazzjon meta kienet titolbu jinfurmaha b'dak li kien qed jaghmel peress li l-*loan* u l-kontijiet ma kinux qedghin jithallsu u regghu qatghulhom id-dawl.

Tispjega kif fl-2016, il-konvenut rega' beda jabbuza mid-droga u l-attitudni tieghu regghet inbidlet kemm fil-konfront taghha u ta' uliedha. Kien jitlaq barra mid-dar u gieli kien hemm drabi li kien jibqa' tlett ijiem barra mid-dar. It-tfal kienu jkunu mbezzghin minhabba li kien ikun aggressiv.

Tammetti li kienet tipprova tghinu biex johrog mill-vizzju u anke kienet talbet lil huh biex ighinu, izda dan kien ghalxejn, ghalkemm xtaqet li kollox jerga' jirritorna ghan-normal minhabba t-tfal.

Kienet ghajjiet b'dina l-hajja u biex tehodha kienet dahlet fl-ghaqda tal-fniek u hemm saret taf lil certu Jesmond u saru hbieb, tant li kienet tiftah qalbha mieghu dwar il-problemi li kellha mal-konvenut.

Izzid tghid li fl-24 ta' Dicembru, 2017, il-konvenut kien gie arrestat fuq traffikar ta' droga u dan l-arrest kien spicca ukoll fuq l-ahbarijiet, tant li t-tfal spiccaw gew ikkonfrontati minn shabhom. Dak iz-zmien, il-konvenut kien qallha sabiex titlob il-flus li huh A , izda dejjem kien igibha bit-tqila sabiex ighaddilha l-flus.

Fi Frar, 2018, il-konvenut kien hareg mill-habs, izda ma baqghu joqoghdu flimkien, ghaliex l-attrici baqghet toqghod San Giljan, filwaqt li l-konvenut kien qed jikri z-Zurrieq, izda mbaghad marret toqghod mieghu u ghalkemm wieghdha li ser jinbidel, baqa' l-istess aggressive u jsawwatha. Wara ftit kien rega' beda jiehu d-droga u anke kien jabbuza quddiemhom u ghal darb'ohra ppruvat tibghatu ghand psikjatra Dr. Anthony Dimech, izda kien mar darba biss u ma regax mar.

F'Novembru, 2018, kienu regghu marru joqoghdu l-Imsida u l-attrici sabet xoghol ta' *cleaner* ghaliex ma kinitx qed tlahhaq bl-ispejjes tat-tfal. Fi Frar, 2019, il-konvenut kien mar ighix ir-Rabat, izda qabel ma telaq kien kisser hafna affarijiet.

Meta rat hekk u li t-tfal kienu iktar kalmi li telaq, iddecidiet li terga' tmexxi bis-separazzjoni, izda peress li l-konvenut kien jaqbad u jidhol id-dar u jippretendi li

ghandha taghmel li jrid, iddecidiet li ma kellhiex ghazla hlief li tipprocedi bil-medjazzjoni u f'Mejju, 2019 kienet ipprezentat rikors il-Qorti sabiex jigu ffissati l-modalitajiet tal-access. Madanakollu, il-konvenut ma riedx jimxi mal-ftehim li kellhom u t-tifla minuri kienet tiddejjaq bl-agir tal-konvenut waqt l-access.

Tul il-medjazzjoni ma kinitx qed tissikkah fuq il-manteniment u dan peress li kienet taf li kien ser jipprova jkissirha. Kienet talbitu biex ighinha sabiex ihallsu d-dejn li kellhom mal-bank, ma' LG u anke ma' D G , izda rrifjuta u kien ghalhekk li kellha tiftah il-kawza ta' separazzjoni.

Il-konvenut webbes rasu u fl-2019, L G kienet mexxiet bis-subbasta u kienu hadulhom il-post li mar ghand il-Bank of Valletta plc.

Tispjega li l-konvenut kien ghamlilha hajjitha martirju jippersegwitaha, jirrapportaha mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li qed tahdem sabiex ma tircevix il-beneficcji socjali, jirrapporta li qed thalli t-tfal wahedhom u lanqas ma ried ighinha thallas l-licenzja u l-insurance tal-karozza li kienet isuq biex ma jkollix karozza biex twassal lit-tfal.

Kien anke ivvinta mal-*employer* li kienet qiedgha f'relazzjoni mieghu, tant li kecciha mix-xoghol. Dawn il-problemi kollha wassluha sabiex titkisser mentalment.

**Awtorita' tal-Genitur u kura u kustodja tat-tfal**

L-attrici tispjega li hi dejjem kienet tiehu hsieb l-edukazzjoni, is-sahha u l-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal L L , M u K . Kien hemm zmien fejn il-

konvenut kien jappoggajha, izda maz-zmien kien ihalli kollox f'idejha u kien assenti hafna minn hajjet uliedu.

Izzid tghid ukoll li l-konvenut dalwaqt jerga' jispicca l-habs peress li ghandu kawza pendenti fuq traffikar tad-droga u ghaldaqstant tinsisti li ghandha jkollha l-kura u kustodja tal-minuri f'idejha.

**Residenza u Access tat-Tfal**

L-attrici qed titlob li t-tfal jirrisjedu maghha minhabba c-cirkostanzi. Di piu' tispjega li t-tifel LL u M jinsistu biex ma jmorrux ma' missierhom ghax raw wisq minn missierhom u ghandhom rabja kbira lejh.

It-tifla minuri tmur tajjeb ma' missierha u ma tixtieqx icahhadha milli tarah, ghajr li minhabba li ghadha zghira u mhux ser tinduna jekk missierha qed jabbuza mid-droga jew le, tippreferi li l-access ikun supervizjonat jew taht moniteragg.

**Manteniment tat-Tlett Itfal**

Fl-14 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti kienet ordnat li l-konvenut ghandu jhallas manteniment fis-somma ta' €500 fix-xahar, liema somma tinkludi fiha l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha. Tghid li l-konvenut iddecieda li jrid itiha biss €300 u spiccat li nfurmat lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, biex jaqtaghlu mill-beneficcji tieghu u nfurmawha li ser ihallasuha b'lura minn Ottubru 2020 sa Jannar 2021 u jhallsuha l-manteniment skond id-digriet.

L-attrici tghid li tixtieq l-ghajnuna finanzjarja minghand il-konvenut biex tista' tipprovdi ghat-tfal u dan anke peress li qed tikri post ghar-rasha fl-ammont ta' €750 (li bis-sussidju jammonta ghal €450) u dan peress li kienu hadulhom id-dar bis-subbasta.

**Manteniment ghall-attrici**

L-attrici qed tinsisti li tinghata manteniment minghand il-konvenut u dan peress li ppruvat tahdem bhala *cleaner,* izda minhabba l-qlajja li qala' l-konvenut li qiedgha f'relazzjoni mal-*employer* taghha, kienet tilfet l-impjieg.

Tghid li tircievi beneficcji socjali fl-ammont ta' €380, izda naqqsuh peress li qed tircievi l-manteniment ghat-tfal, kif ukoll c-*childrens allowance*. Gieli jghinuha l-genituri taghha ukoll.

**Dar Matrimonjali**

Id-dar matrimonjali "Mon Cheri" fi triq L. Zamenhoff, Msida nbieghet bis-subbasta u nxtrat mill-Bank of Valletta plc. Tinsisti li jekk ghad hemm xi dejn li jrid jithallas lil L G , kif ukoll il-*house loan* mal-Bank, dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut peress li tort tieghu li ma thallasx dan id-dejn. Inoltre, minkejja li ppruvat thallas dan id-dejn ma kellhiex bizzejjed flus sabiex taghmel dan u inoltre kienet tkecciet mix-xoghol intortament.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

**Flejjes u Loan**

Tghid li l-home loan li kellhom mal-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' circa €145, 000 baqa' ma thallasx kemm minhabba li hemm *freezing order* u anke minhabba l-bank xtara d-dar biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes.

**Karozzi**

Kellhom vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni LEE 148, li kienet tuzaha, izda mhux iktar possibbli peress li l-konvenut mhux qed ihalliha thallas il-licenzja u l-insurance. Din kienet inxtrat bil-flus tal-genituri taghha (Lm4,500) izda qatt ma kienu hallsuhom lura.

Tghid li l-konvenut ghandu diversi karozzi, ghax ghall-access dejjem jigi b'wahda differenti, tghid li ghandu van, Landrover, zewg karozzi Peugeot u karozza Skoda Ottavia ALY 111. Din tal-ahhar kienet inxtrat fiz-zwieg u kienu hallsu l-kambjali kollha.

Tispjega ukoll li fiz-zwieg, il-konvenut kien anke xtara Renault Megane ghall-valur ta' €6,000 biex juzaha bhala taxi u anke Chevrolet Orlando ghall-valur ta' circa €13,000 imma ma baqax ihallasha u kellu jirritornaha lura.

**<u>Mobbli</u>**

L-attrici tikkonferma li kienet hadet l-affarijiet mid-dar matrimonjali u kienet infurmat lill-konvenut sabiex jiehu tieghu ukoll, pero' ma kinitx taf jekk ghamilx dan.

**<u>Dejn</u>**

i) Dejn ma' DG u L G fl-ammont ta' circa €25,000. Tghid li rnexxielha thallas €6000 bl-ghajnuna tal-genituri taghha u tal-Caritas li tawha €1000. Tispjega ukoll li kienet fethet kawza kontra LG peress li kienet gieghlitha tiffirma l-iskrittura bil-forza u kienet diga' nefqet xi €3000 il-Qorti.

ii) pannelli li kien xtara l-konvenut fl-ammont ta' €10, 000. Tghid li suppost il-konvenut kien irid ihallas €300 fix-xahar, izda ma kinitx taf x'kien hallas minnhom.

iii) Kontijiet mal-Arms li jammontaw ghall-cirka €6000, izda meta suppost il-konvenut kien qed ihallas il-kontijiet pendenti ma kienx qed jaghmel dan u spiccat li kellha taghmel ftehim maghhom fejn thallas €100 fix-xahar ghax kienu ser jaqtghulha d-dawl.

iv) Dejn mal-Go plc. fl-ammont ta' €1, 150 li kien hallas missierha.

v) Dejn mal-Melita fl-ammont ta' circa €400 li kienet hallset hi u kienet hallset ukoll €150 ohra biex twaqqaf is-servizz.

**<u>Assi Parafernali</u>**

Tghid li biex xtraw id-dar qabel iz-zwieg kienet harget is-somma ta' Lm5,000 u kienu ghamlu skrittura li kienet harget dan l-ammont.

2. **Il-konvenut** jghid li kien jahdem id-Dowty u kien jahdem bhala *machine operator* u jghid li kellu ukoll tlett *part-time*, kif ukoll kellu haunt, St.Philip Confectionery u dan kien f'isimhom skond ma kienx ighid. Ighid li mbaghad kienu ghalqu dan il-hanut ghax ma kinux sejrin tajjeb.

Jispjega li kienu hadu loan ghal dan il-hanut mal-Bank of Valletta plc.

Ighid ukoll li kien jahdem ma' Meli tat-taxi, imbaghad kien ghamel hames snin jiggestixxi mal-attrici Camilleri cabs, izda kienu waqqfu peress li kien spicca l-habs u l-attrici ma riditx tmexxi n-negozju wahedha.

Meta spicca l-habs kienu hadulu l-mobile u jistqarr li kienu tilfu l-klijenti u l-attrici ma riditx tiehu s-sim card tieghu. B kien hadlu l-karozza li kien juza peress li ma kienx wasal sabiex ihallasha.

Illum ighid li mhux qed jahdem ghax huwa *carer* t'ommu u jithallas €133 fix-xahar u €100 ohra u ommu tircievi beneficcju ta' €500. Meta hareg mil-habs ma kienx jahdem u xahrejn wara sar *carer* t'ommu u inoltre kellu jieqaf jirregistra peress li kien marad b'qalbu. Jikkonferma ukoll li ommu kienet ilha tghix maghhom ghal xi tnax-il sena u kienet haga naturali li gia' ma jahdimx u seta' jiehu hsiebha.

Bhala spejjes ighid li kien ihallas kera fl-ammont ta' €250.

Jikkonferma li kien jaf lil  DG  u  LG u dan peress li huh kellu d-dejn maghhom u dahlu fi ftehim maghhom sabiex ihallsu d-dejn ta' huh, peress li meta kellu bzonn kien ha hsiebu huh.

Jikkonferma li kien hemm ftehim ma' Leanne Galea li jhallsuha €27,000 permezz ta' €5,000 fis-sena u kienet dahlithom il-Qorti.

Jistqarr li kien ghamel rapport kontra l-attrici lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghaliex kienet timpika mieghu.

3. **Elaine Pavia**, in rapprezentanza ta' Dar Merhba Bik Foundation fil-kapacita' taghha ta' Kap tas-Servizzi tal-Fondazzjoni tikkonferma li l-attrici kienet uzat is-servizzi taghhom fil-31 ta' Ottubru, 2006, meta kienet cemplet ghall-ghajnuna. Kienu offrewlha kenn u kienet ghamlet lejl hemm. Kienet marret mat-tifel  LC. Minn meta giet *discharged* ma setghetx tikkonferma fejn kienet marret l-attrici.

4. **Pauline Camilleri**, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tikkonferma li l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom fil-21 ta’ Marzu, 2019 u talbet ghajnuna ghas-servizz mit-Taqsima kontra l-vjolenza domestika.

Tghid li l-attrici kienet spjegatilha li xi disa’ snin qabel kienu ffirmaw is-separazzjoni, izda kienu baqghu jghixu taht l-istess saqaf u dan peress li kienet tibza’ minnu. L-attrici kienet infurmatha ukoll li l-konvenut kien persuna possessiva hafna u kellha ccedi ghal kollox.

Qaltilha ukoll li kien hemm incidenti fejn kien refa’ idejh fuqha u kien anke jwaddab l-affarijiet lejha. Kien jiddejjaq hafna li binhom il-kbir kien jissapportjaha hafna u kemm il-darba kien ser jaghmel ghalih u kienet tintervjeni l-attrici. Kienu hadu r-ruh bhala familja meta kien telaq mid-dar, izda meta kien ghamel perjodu l-habs u hareg kien iktar vjolenti ghaliha.

Fid-29 ta’ Marzu, kien sar *risk assessment* fejn gie kkonstat li l-attrici kienet tinstab f’riskju kbir wara li l-konvenut kien mar id-dar u habat ghaliha u ghat-tifel li mar jipprotegiha.

L-attrici kienet qaltilha li kienet thossha kkontrollata minnu u kien jippersegwitha u kien anke jisforzaha sabiex ikollhom relazzjonijiet intimi. Qaltilha ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn kien jabbuza minn sustanzi.

It-tifla kbira ma kinitx trid tmur tara lil missierha, izda kienet tinsisti maghha sabiex tiehu hsieb lil ohtha z-zghira.

Izzid tghid li l-attrici kienet infurmatha li l-konvenut ma kienx ighinha finanzjarjament u kien anke halla kontijiet pendenti u minkejja li ppruvat tasal

ghall-ftehim mal-ARMS, il-konvenut ma kienx qed ihalliha tosserva dan il-ftehim. Ikkonfermat ukoll li kienet taf li l-attrici kienet tahdem ftit.

Kien hemm anke r-riskju li titlef id-dar matrimonjali, li fil-fatt sussegwentement il-Qorti kienet ordnat li kellha titlaq mid-dar u kellha tinbiegh b'subbasta.

Tammetti li dan kien zmien difficli ghall-attrici u kienu jghinuha billi jkollhom *safety planning* biex tkun sigura kemm jista' jkun. Kienu hadmu maghha sabiex ituha l-kuragg u *empowerment* sabiex tipprotegi lilha nnifisha u lit-tfal. Kienu anke jghinu tramite food banks, il-Housing Authority u anke mal-iskejjel.

Tikkonferma li llum ghadhom qed ighinu lill-attrici.

4. S**aviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar beneficcji li jircievu l-partijiet.[1] Ighid li l-konvenut kien jircievi l-assistenza socjali sa mis-sena 2019. Jircievi ukoll il-*carers pension* u fl-2020 kien jircievi *increase* fil-*carers pension*. Dan jinvolvi analizi minn Bord li jiddetermina jekk il-persuna ghandhux marda li tirrikjedi *carer*. Jirvievi ukoll l-ghajnuna medika. Il-pensjoni jirceviha peress li jiehu hsieb lil ommu EC

Jispjega ukoll illi wara li sar rapport li l-attrici kienet qed tahdem anke waqt li kienet qed tircievi beneficcji socjali. Minhabba f'hekk id-Dipartiment kien hareg rikjesta ghall-*overpayment* kemm fuq ir-relief kif ukoll fuq ic-*childrens allowance* ghall-perjodu bejn 2 ta' Gunju, 2018 u t-23 ta' Awissu, 2019.

[1] Dok. ST1 u ST 2

Kompla jixhed li l-konvenut kien ghadu qed jircievi l-*carers pension,*[2] imma mbaghad fil-25 ta' Mejju, 2022 kien talab sabiex tieqaf il-*carers allowance* u da parti taghhom kienu waqqfuh fit-28 ta' Mejju, 2022.[3]

5. **WPS 2110 Maria Scicluna** pprezentat ghaxar rapporti u fedina penali.[4]

6. **Alexia Aquilina**, in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qorti pprezentat dokumentazzjoni dwar kawzi u mandati li kien hemm f'isem wiehed jew f'isem il-partijiet.[5]

7. **Joseph Attard** in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-ghajnuna finanzjarja u Investigazzjonijiet jispjega li wara li kienu rcevew telefonata anonima u tlett affidavits iffirmati mill-konvenut fejn allega li l-attrici kienet qed tahdem bhala hassiela u li ma kienx vera li kienu sseparati u kienu ilhom ighixu flimkien bejn il-perjodu 2011-2019 kienu ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom.

Kienu marru fir-residenza tal-attrici u ma rrizulta ebda irregolarita' u cioe' li kien hemm ragel iehor ighix maghha. Dwar l-impjieg irrizulta li kienet qed tahdem bla ma avzat id-Dipartiment u l-awtoritajiet ikkoncernati. L-imghallem taghha S C bhala l-allegat imghallem taghha kkonferma li kien amministratur ta' ECGS Condominium Services u spjegalhom li ma kienx jimpjega l-attrici direttament maghhom, izda jamministraw servizz f'areas fosthom it-tindif. Ikkonferma li l-attrici kienet tipprovdi servizzi ta' tindif fi blokka ta' appartament, bl-isem "Apple Orchard" b'effett minn Gunju, 2018.

---

[2] Dok. S1
[3] Dok. S2
[4] Doks. MS 1 – MS 11
[5] Dok. AA1 – AA2

Meta kkonfrontaw lill-attrici ma nnegatx li kienet qed tahdem, izda ma kkonfermatx li kienet ilha minn Gunju 2018 u d-drabi li marret kienu minimi. Innegat ukoll l-affidavits tal-konvenut li wara li sseparaw ghamlu xi zmien ighixu flimkien.

Kienu ghalhekk ghamlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom lid-Dipartiment li ma kinux soddisfatti li ma kinitx qed tahdem u rrakkomandaw li l-kaz jingieb quddiem il-JobsPlus u li jittiehdu l-passi sabiex jingabru lura l-beneficcji socjali li thallsu.

Jikkonferma ukoll li r-rapport sar fit-12 ta' Lulju, 2019.

**8.** **Joseph Debono**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jispjega li dwar l-*carers assistance* u anke l-*increase* in *carers assistance*, jistghu japplikaw dawk il-persuni li jiehdu hsieb regolarment fuq bazi *full-time* xi konjugi, genituri jew xi hadd mill-familja u jghixu taht l-istess saqaf. Japplikaw u mbaghad jidhru quddiem il-bord mediku li tara fejn jidhlu fl-index bejn 0-8 u jekk jidhlu fiha jibdew jiehdu l-pensjoni mis-Sibt ta' wara.

Izid ighid li l-bord mediku jmur fizikament fil-post biex jara lill-pazjent u min japplika, pero' ma ssirx *follow up*, hlief jekk xi hadd jaghmel rapport anonimu li hemm xi abbuz.[6]

9. **Mark Farrugia**, in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezenta ricerki li saru fuq il-partijiet.[7]

---

[6] Dok. ICI
[7] Dok. MF 1

10. **Joseph Debono,** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezenta t-tax payer registration form tal-konvenut.,[8] tax declaration u d-dhul tal-partijiet basis year 3[9], year basis 4 hemm tax declaration[10], tax return ghal basis year 5,[11] basis year 6, YA 07 hemm tax declaration[12], kif ukoll dokumenti relatati mal-basis year 7 sa 11.[13]

Wara li sseparaw basis year 12 YA 13 kien hemm tax return[14] u ghal basis year 12 – YA 14 – 18 il-konvenut ma kienx bghat returns u bhala dipartiment kienu hargu stima.[15]

Bejn is-snin 2019- 2021 ma kienx hemm stima u lanqas tax returns.[16]

Ikkonferma ukoll li tul is-snin, il-konvenut kellu part-time imma li tnizzlux fir-return.[17]

Dwar l-attrici jghid li mill-2011 hija YA 12 u peress li sseparat trid tirregistra wahedha. Ipprezenta ukoll *tax liabilities statement*.[18]

11. **Anthony Saliba**, in rapprezentanza ta' Solar Engineering ikkonferma li kien sar *purchase agreement* mill-konvenut li huwa datat 21 ta' Novembru, 2015. Ighid li kien hemm ftehim fuq pagamenti bin-nifs ta' installments ghall-perjodi ta' sentejn. Dwar il-bilanc ipprezenta l-invoices.[19]

---

[8] Dok. JD 1
[9] Dok. JD 2
[10] Dok. JD 3
[11] Dok. JD 4
[12] Dok. JD 5
[13] Dok. JD 6-JD 10
[14] Dok. JD 11
[15] Dok. JD 12
[16] Dok. JD 13
[17] Dok. JD 14
[18] Dok. JD 15 u JD 16
[19] Dok. AS1

Dwar il-bilanc li kien ghad fadal x'jithallas ighid li kien hemm €9, 996 u l-konvenut kien hallas €640. Kien hemm ukoll cekk li nghata lill-konvenut biex ikun jista' jiehu *rebate*.[20] Jispjega li l-bilanc tal-agreement kien ta' €8887 u kien qed ihallas bin-nifs, izda peress li z-zmien ghall-hlas kien ser jiskadi, kienu hargulu cekk ghall-ammont ekwivalenti tal-purchase agreement, halli jipprezentah ir-regolatur, jiehu r-rebate ta' €2,300 u jirritornahom lura.

Ipprezenta ukoll l-invoices li jipprezentaw xiri ta' air conditioners.[21] Ipprezenta ukoll statements u l-imghaxijiet li akkumulaw.[22]

12. **Dr. Pamela Cann Rodgers** in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar u pprezentat diversi dokumenti.[23] Tispjega li l-partijiet kienu fethu applikazzjoni fit-12 ta' Gunju, 1999 rigward sussidju fuq self ghad-djar. Ghal xi raguni din l-applikazzjoni giet ikkancellata. Tghid li ghandha l-*cancellation letter*, pero' ma tkunx taf x'inhi r-raguni.

Imbaghad fit-22 ta' Settembru, 2020, kienet ipprezentat applikazzjoni l-attrici f'isimha u din kienet applikazzjoni ghall-beneficcju tal-kera ta' skemi residenzjali biex awtomatikament tiehu sussidju fuq il-kera. Ikollha tipprezenta l-pagamenti mensili u fuq presentazzjoni tal-ircevuti.

Tikkonferma li l-pagamenti dahlu u ghalhekk is-sussidju nghata ta' nofs il-kera.

Issa l-iskema li giet intitolata ghaliha hija skema tal-beneficcju fuq l-kera residenzjali private u sabiex ikunu intitolati jkun hemm bzonn tal-*employment history* mill-Jobsplus u jaghti informazzjoni dwar id-dhul tieghu u minnu

---

[20] Dok. AS 2
[21] Dok. AS 3
[22] Dok. AS 4
[23] Doks. PC1 – PC 2

jitnaqqas ic-childrens allowance u l-manteniment moghti u d-dhul huwa ta' €9380.25.

13. **Brian Camilleri** in rapprezentanza ta' Frank Borda Limited ipprezenta diversi dokumenti.[24] Ikkonferma li l-partijiet kienu xtraw vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALY 111 fuq hire purchase. Ighid li kien hemm depozitu ta' €500, imbaghad kien hemm pagament iehor ta' €3660 u iehor ta' €465 kull xahar. Fil-bidu l-vettura kienet registrata fuq il-konvenut u kien hemm stadju fejn kien waqa' lura fil-pagamenti u kellhom jintervejnu l-avukati.

Izid ighid li mid-29 ta' Dicembru, 2017, beda jaghmel il-pagamenti hu l-konvenut AC . Ighid ukoll li meta hadu l-vettura lura, kellhom jiktbu lill-pulizija peress li ma kinitx illicenzjata.

Jikkonferma ukoll li llum id-dejn huwa dovut minn AC u l-ftehim kien li l-vettura tibqa' fuq il-kumpanija taghhom sakemm jithallas id-dejn kollu da parti tieghu.

14. **Louis Bellizzi** in rapprezentanza ta' Fondazzjoni Caritas Malta u jispjega li bhala fondazzjoni jghinu nies li jkunu fi problemi finanzjarji, tipikament li jkollhom dejn bl-uzura. Jidhlu bhala medjaturi bejn min qed isellef u min qed jissellef u l-imghax ma jeccedux it-8%.

Dwar il-partijiet ighid li l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom rigward self li kienu hadu minn certu LG , li jikkonferma kien jafha pero' kienet tidher bhala front ghall-familja mill-Belt involuta fl-uzura. Kienu spiccaw il-Qorti u bl-intervent tieghu kienu ghenu l-partijiet billi hallsu elf Euros (€500 huma u €500 l-attrici) sabiex jevitaw is-subbasta, izda mbaghad l-attrici bidlet fehmitha u

[24] Doks. RC1 – BC 2

jahseb li d-dar inbieghet b'subbasta. Ighid ukoll li kien jaf li dak iz-zmien, il-partijiet kellhom apparti l-*loan* mal-bank u d-dejn ma' Leanne Galea, kien hemm xi €6,300 arretrati tad-dawl u ilma u dak iz-zmien assi ma kellhomx, hlief li l-konvenut kellu karozza, taxi li kien xtraha fl-2014 ghall-valur ta' €30,000.

15. **Karen Cremona**, in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li f'isem il-konvenut kien hemm vettura wahda Renault Megane b'numru ta' registrazzjoni LGY 111, bil-licenzja tat-taxi. Fil-passat kellu vettura ohra rregistrata fuqu Ford Tourneo ZLY 010.[25]

Personalment fuq ismu hemm zewg vetturi Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni IBE 489 u Toyota Vitz LEE 148. Fil-passat kellu hames vetturi fuq ismu.[26]

Dwar il-licenzja tat-taxi, tispjega li l-konvenut ma kellux licenzja biex isuq taxi l-bojod, izda kellu *tag* biex ikun jista' jsuq minibus jew coach- bhala xufier, li huwa PTV u din hija valida sal-25 ta' Novembru, 2026, imbaghad ghandu *tag* ohra biex jista' jsuq LPTV, light Passenger Transport Vehicle u cioe' chauffeur driven car.

16. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta *l-employment history* tal-konvenut minn fejn jirrizulta li l-konvenut beda jahdem fl-1 ta' Settembru, 2022 bhala *self-employed shop owner*.

17. **Charmaine Bugeja**, in rapprezentanza tar-Registratur Qrati Civili pprezentat kopja legali tal-atti numru 136/15 JPG,[27] kif ukoll kopja legali

---

[25] Dok. CC1 -CC2
[26] Dok. CC3 – CC4
[27] Dok. CB 1

tal-atti 133/15LM. Ipprezentat ukoll lista tas-subbasti li kien hemm fil-konfront tal-partjiet.[28]

18. **Anthony Bonnici** in rapprezentanza ta' Go plc. Jikkonferma li prezentement il-konvenut m'ghandux servizz attivi maghhom, pero' kien hemm zewg servizzi li kien ghad hemm il-pendenzi fuqhom. L-ewwel servizz kien *fixed line* u ghad hemm bilanc ta' €324 fuqu. Fuq dan is-servizz kienu spiccaw bi proceduri l-Qorti fejn il-kawza nqatghet favur il-Go plc. Kienu nhargu l-mandati kif ukoll fl-2011 l-ipoteki.

Izid ighid li kien hemm servizz iehor li kien mobile phone u fuqu kien hemm bilanc ta' €1274 u jikkonferma ukoll li kienu spiccaw ittiehdu proceduri l-Qorti, izda ma kienx jaf kif zvillupaw. Imma skond ir-rekords taghhom dan il-bilanc ghadu ma thallasx.[29]

19. **Roberta Muscat** in rapprezentanza ta' Yellowpages Malta Limited jikkonferma li l-konvenut kien ghamel kuntratt fl-2015 biex jaghmel riklam fil-ktieb tal-Yellowpages.[30] Ighid li l-konvenut ghad ghandu bilanc x'ihallas.[31]

Ipprezentat ukoll informazzjoni dwar il-bilanc tal-kont li ghadu pendenti.[32]Kien hemm ukoll *direct debit mandate* minn fejn kellhom jigbdu l-pagamenti u dan kien kont f'isem Camilleri Cabs pero' kienet iffirmat l-attrici ghax kienet probabli qed tidher ghall-kumpanija.

[28] Dok. CB 3
[29] Dok. AB 1
[30] Dok. RM 1
[31] Dok. RM 2
[32] Dok R 1

20. **LG** tispjega li kienet saret taf lill-konvenut tramite JA . Kien talabha xi flus kemm ghaliha, kemm ghal JA, kif ukoll ghall-huh A . Il-konvenut u huh kienu shab ma' JA meta kienu jiggestixxu St.Philip Caterer u J, kien habib kbir tal-familja taghha. Kellhom problema fuq ix-xoghol u kien ghalhekk li riedu l-flus.

Tghid ukoll li JA kien zamm kelmtu u hallas il-flus li sellfitu, filwaqt li l-konvenut u huh A, kienu bdew jaqghu lura fil-pagamenti u mbaghad saret taf li dan tal-ahhar kien harab minn Malta.

Tikkonferma li meta ghamlu l-kuntratt sabiex jaghmlu tajjeb ghad-dejn bid-dar taghhom, l-attrici kienet prezenti. Il-ftehim kien li jhallas fi zmien sentejn.[33] Izda kienu ghaddew izjed minn sentejn u l-partijiet baqghu ma hallsux u kienu bdew bis-subbasta. Kienu cedew ghal zmien peress li l-attrici kienet tathom €5,000. Meta nqatghet mill-Qorti kien il-konvenut li kellu jhallas, pero' qatt ma hallas u ghalhekk kellhom jipprocedu bis-subbasta. Qabel ma fethu s-subbasta l-attrici kienet tathom €1,000 ohra.

Tghid li llum ghadhom ghaddejjin bil-Qorti u sa fejn taf il-post ittiehed f'idejn il-Bank.

21. **Matthew Vassallo,** in rapprezentanza tal-ARMS ipprezenta l-*istatement of accounts* f'isem il-konvenut u l-ahhar invoice.[34] Ipprezenta ukoll il-payment list,[35] l-ipoteka li nharget, kif ukoll l-ittra ufficjali.[36]

Izzid tghid li kienu waslu ghall-*agreement* maghhom u l-ewwel ftehim kien sar fl-2015 u kien hemm *installment plan* li sar fl-2017.[37]

---

[33] Dok. CB 1
[34] Dok. MV 1 u MV 2
[35] Dok. MV 3
[36] Doks. MV 4 u MV 5
[37] Dok. MV 6 u MV7

Ikkonfermat li peress li l-kont jidher fuq isem il-konvenut ikollhom bzonn il-firma tieghu biss. Dwar l-attrici qatt ma rrizulta li kien hemm kont f'isimha, izda pprezenta informazzjoni dwar fejn kienet qed tirrisjedi l-attrici.[38]

22. **L L C** iben il-partijiet isemmi xi incidenti li jiftakar meta kien izghar, bhal meta marret mara, flimkien ma' zewgt irgiel id-dar taghhom u kienu bdew jargumentaw mal-genituri tieghu, tant li dina l-mara kienet harget pistola u ppuntataha lejn ras l-attrici. Ighid li dakinhar kien beza hafna.

Minn dakinhar ighid li l-glied bejn il-genituri tieghu kien zdied u kemm il-darba missieru kien iwegga' lil ommu waqt glieda, bhal jigbdilha xagharha, inizzilha mal-art u jimbuttaha mal-hajt.

Xi ftit snin qabel il-konvenut gie arrestat mill-pulizija, ighid li l-konvenut ma kienx igib ruhu sew, kien donnu *zoomed out*, ma jaghtix kashom u anke meta kienu jkellmuh kien jirrabja maghhom. Kien ghamel zmien jorqod fil-garaxx.

Jispjega kif fl-24 ta' Dicembru, 2017, ommhom kienet infurmathom li l-konvenut missierhom kien gie arrestat, pero' dakinhar ma kienx jaf fuq xiex. Kien hawn li hu l-konvenut A, kien cemplilhom u qalilhom sabiex jitilqu mid-dar.

Kienu marru jghixu fid-dar tan-nannu f'San Giljan u hemmhekk waqt li kienu qed jaraw l-ahbarijiet, saru jaf li l-konvenut gie arrestat minhabba traffikar ta' droga. Il-genituri ta' tfajla li kienet tizfen mieghu nfurmawh li ma kinux ser ihalluha izjed minhabba l-konvenut u dan wara li kienu ilhom jizfnu flimkien ghal hames snin.

[38] Dok. MV 1

Wara li l-konvenut kien hareg mill-habs ma marx ighix maghhom, izda kien mar ighix go post mikri z-Zurrieq. Ghall-bidu kienu jmorru jarawh, izda mbaghad kienu ddecidew li jmorru jghixu mieghu.

Isemmi incident iehor, fejn il-konvenut kien habat ghall-attrici kif ukoll ghall-ommu. Ighid li mar jipprova jwaqqfhom u kien tah daqqa f’rasu biex iwaqqfu. Wara li ha lil ommu l-isptar, il-konvenut kien ghamel ghalih b’sikkina, izda waqqfitu l-attrici.

Ighid li wara l-konvenut hareg mill-habs, kien jispicca jgib il-periklu lejn darhom u kienu jibzghu u ghalhekk kienu regghhu marru lura l-Imsida. Tul dan il-perjodu, il-konvenut kien iqatta’ hafna hin fis-sodda u ma kienx ighix fid-dar u l-genituri tieghu kienu jargumentaw hafna bejniethom. Jekk kien jazzarda ighidlu xi haga kien iwaddablu xi furketta jew sikkina jew jheddu bihom,

Jishaq li sa dak iz-zmien, l-attrici ma kinitx kuntenta xejn tghix dina t-tip ta’ hajja u lanqas hu u hutu. Meta l-attrici ddecidiet li trid timxi bis-separazzjoni, kien telaq mid-dar.

Isemmi incident li sehh wara li l-konvenut kien ried jiehu lit-tifla minuri. Beda jerfa’ idejh fuq l-attrici u anke meta pprova jwaqqfu ntervjeniet l-attrici u kienet lahqet icempel il-pulizija li gew fuq il-post.

Jispjega li kien hemm okkazzjoni fejn ragel kien mar ifittex lill-konvenut u beda jheddidhom jekk isibu u minn dakinhar il-konvenut iddecieda li ma riedx ikellem lil missieru izjed. Ommu kienet zfurzatu sabiex imur mieghu u l-konvenut kien mar ghalih mhux iktar minn erba’ darbiet. Kien hemm problemi ukoll b’hutu li ma riedux imorru ghand missierhom, izda jghid li l-attrici dejjem insistiet maghhom li ghandhom imorru.

Jishaq li sallum il-konvenut ighid kontra l-attrici u jakkuzaha man-nies li kienet tbiegh id-droga u jirrabbja peress li kienu ghaddew bizzejjed minhabba l-arrest

tal-konvenut u ma kienx gust li kien jaghti isem hazin lil ommu. Id-dispjacir tieghu huwa li missierhom dejjem ghamel azzjonijiet hziena minghajr ma haseb fihom.

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabbilita'**

L-attrici qed taddebita lill-konvenut il-htija tas-separazzjoni minhabba vjolenza, swat, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-

fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha***

***ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[39]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[40]

L-attrici ttenni li pprezentat provi bizzejjed sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li l-konvenut kien vjolenti maghha kemm fizikament, kemm psikologikament, kif ukoll finanzjarjament fuq bazi ta' probabilita'.

L-attrici ssemmi diversi episodji u incidenti fejn il-konvenut kien vjolenti maghha. It-tibdil fil-karattru tieghu sehh wara li miet missieru, fejn kien beda jixrob u johrog u jdum imur lura d-dar.

Kien hemm zmien fejn l-attrici kellha suspetti li l-konvenut kellu wicc haddiehor u meta kkonfrontatu kien injoraha u baqa' ighix din it-tip ta' hajja, sakemm fl-ahhar l-attrici regghet ikkonfrontatu u kien hebb ghaliha. Dakinhar tant kienet bezghat li kienet marret issib kenn Dar Merhba Bik u dan huwa kkonfermat minn Elaine Pavia, rapprezentanti ta' Dar Merbha Bik ukoll.

Kien hemm iktar incidenti peress li l-konvenut kien imbaghad waqa' fil-vizzju tad-droga u kien anke beda jittraffikaha, bir-rizultat li kien isir aggressiv u anke

[39] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[40] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

kien beda jaghmilha ma' nies kriminali, partikolarment wara li ghamel zmien il-habs.

Anke meta l-attrici ddecidiet li riedet tmexxi bis-separazzjoni u kienu sahansitra waslu ghas-separazzjoni konsenswali, l-attrici ssostni li ddecidiet li jibqghu taht l-istess saqaf, ghax il-konvenut kien jippersegwitaha.

L-attrici ttentat kemm il-darba biex tghin il-konvenut u tressqu fit-triq it-tajba, izda kienu jaghmlu perjodi tajbin, imbaghad jerga' jaqa' ghad-droga. Kienet anke ppruvat tghinu billi haditu ghand il-psikjatra Anthony Dimech. Kien anke possessiv u ried kollox li jmur kif ighid hu u meta kienet tisfidah jew taqbez ghall-uliedhom, iktar kien isir aggressiv, iwaddab l-affarijiet u anke jhebb ghaliha.

Fil-fatt, fl-2019 kellha tirrikorri l-Unit tal-Vjolenza Domestika, fejn wara li sar *risk assessment* rrizulta li kienet f'perikolu u ghalhekk sabet l-assistenza u Pauline Camilleri in rapprezentenza tal-istess unit tikkonferma li ghadhom jassistu lill-attrici sallum.

Dan kollu gie kkorroborat minn bin il-partijiet L L C li jghid li dawn l-incidenti kienu baqghu mpressi f'mohhu, tant li wasal sabiex ma riedx jaf izjed b'missieru. Xehed ukoll li missieru kien anke jheddu bl-iskieken jew bil-frieket kull meta jipprova jiddefendi lil ommu u anke n-nanna paterna li wassal sabiex il-konvenut sawwatha ukoll.

Rigward il-problemi finanzjarja dan wassal ghall-abbuz shih da parti tal-konvenut. Huwa fatt stabbilit fl-atti tal-kawza, li l-konvenut kien ghamel id-dejn ma' certu uzurai D  u s-siehba taghha  L G - sabiex ihallsu d-dejn ta' huh A . Peress li ma kinux zammu mal-pagamenti, din Doreen kienet marret thedded lill-partijiet b'arma tan-nar.

Dan id-dejn ta' circa €27,000 wassal sabiex il-partijiet kienu ipotekaw id-dar taghhom  fuq insistenza ta'  L G li dahhlithom f'kostituzzjoni ta' debitu u

sussegwentement inbieghet bil-proceduri ta' subbasta u dan kollu sabiex jaghmlu tajjeb ghad-dejn ta' huh A, peress kif isostni l-konvenut huh dejjem ghenu meta kellu bzonn. Kienet l-attrici biss li rat kif ghamlet sabiex tipprova taghmel xi pagamenti, izda ma kellhiex bizzejjed sabiex isalda d-dejn ezistenti.

Il-misthija u anke l-inkwiet li segwa halla impatt fuq hajjet l-attrici u l-minuri u dan meta l-konvenut gie arrestat fuq traffikar ta' droga, liema proceduri ghadhom pendenti. It-tifel L spicca minghajr il-partner ta' zfin tieghu, peress li l-genituri tat-tfajla li kienet tizfen mieghu ma ridux ikollhom x'jaqsmu maghhom. Spiccaw bl-assi kollha ffrizati.

Minkejja dan, il-konvenut ma tghallimx ghax baqa' jaghmilha mal-kriminali li kien iltaqa' maghhom il-habs. Kien anke jaghmel zmien tajjeb u jfittex xoghol jew inkella jerga' jaqa' fil-vizzju tad-droga. Kien anke wasal sabiex japplika biex jiehu l-beneficcji bhala *carer* t'ommu minghajr ma ddenja ruhu jahdem.

Sadanittant, id-dejn baqa' jikber u minkejja li l-attrici kienet tinsisti mal-konvenut sabiex jikkontribwixxi lejn dan id-dejn kien jinjoraha.

Anzi meta l-attrici ddecidiet li tipprocedi bis-separazzjoni, iktar hareg il-karattru vendikattiv tal-konvenut, li rrapporta li l-attrici kienet qed tahdem sabiex ikollha problemi mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u dan meta lanqas ma ried ihallasha manteniment. Inoltre, kien anke ghamel allegazzjonijiet li kienet f'relazzjoni mal-imghallem taghha u dan wassal sabiex tilfet l-impjieg taghha.

Il-konvenut jaddebita lill-attrici l-estrem tal-adulterju, izda dan jirrizulta biss mir-risposta guramentata tieghu, minghajr ma pprezenta kontro-talba. Inoltre, ma tressqu ebda provi da parti tal-konvenut sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li kien hemm xi adulterju kommess da parti tal-attrici.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, jirrizulta li l-konvenut huwa responsabbli ta' vjolenza, eccessi u sevizzi.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Il-Qorti trid tiddeciedi fuq il-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri, peress li L L llum huwa maggorenni.

Il-gurisprudenza nostrana zvillupat dan il-kuncett u theggeg li d-decizjoni fuq kura u kustodja ghandha tkun ibbazata fuq dak li huwa fl-ahjar interess u l-aqwa vantagg ghall-minuri.

Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 i**ntqal illi:-

***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-***

***genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

L-attrici tipprova tahdem sabiex tlahhaq mal-ispejjes tat-tfal u sabet l-ghajnuna tal-genituri taghha. Dejjem ippruvat tiehu hsiebhom u taghtihom hajja normali. Kienet hi biss li kienet tiehu decizjonijiet rigward l-edukazzjoni u sahha tat-tfal.

Il-konvenut da parti tieghu qatt ma hares l-interessi ta' uliedu. Kien aggressiv maghhom, kien anke abbuza u ttrafikka d-droga minghajr ma qghadt jahseb fil-konsegwenzi li dawn ic-cirkostanzi setghu kelhom fuq il-minuri.

Ma ddefendihomx meta l-kredituri marru jheddu lil familtu b'arma ta' nar.

Jekk it-tfal qabzu ghall-attrici, kienu jispicca jehlu ma' rasu u kien jaghmel ghalihom ukoll. Dan kollu huwa kkonfermat minn bin il-partijiet L L .

L-attrici ssemmi diversi episodji ta' abbuz fiziku fuq il-minuri u kif dan l-atteggjament halla impatt psikologiku fuqhom.[41]

L-attrici u binha LL jikkorroboraw il-verzjoni ta' xulxin meta jikkonfermaw li minhabba t-trawmi li ghadda minnhom it-tifel iddecieda li ma riedx jiltaqa' ma' missierhu izjed. Mar xi drabi fuq insistenza tal-attrici, pero' mbaghad minn jeddu missieru ma marx izjed. Inoltre, ghalkemm l-attrici baqghet tinsisti mal-bniet minuri li ghandhom jibqghu jzommu kuntatt ma' missierhom, kienu bdew imorru kontra qalbhom u dan anke fir-rigward tal-izghar mit-tfal li, minkejja li kellha relazzjoni tajba mal-konvenut ma riditx tibqa' tmur izjed u dan minhabba li missierha ma kienx iqatta' hin maghha.

Dina l-verzjoni tal-attrici ma gietx ikkontestata mill-konvenut.

[41] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici a fol. 761/762

Inoltre dina l-Qorti f'decizjonijiet li jirrigwardaw il-kura u kustodja ta' minuri tqis ukoll ir-relazzjonijiet bejn il-genituri. Huwa ormai principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, li fejn il-genituri isibuha difficli li jikkooperaw fuq il-*modus vivendi* ta' uliedhom, id-dizgwid kontinwu jostakola l-hajja serena u stabbli tal-minuri. Fic-cirkostanzi kura u kustodja konguntiva tkun *counter-productive* f'xenarju ta' piki u dizgwid.

L-attrici ssottomettiet li kemm il-darba kellha tirrikorri l-Qorti sabiex tipprezenta rikorsi li jirrigwardaw decizjonijiet importanti relatati mat-tfal.

Ma' dawn il-fatti kollha, ghandu jigi rilevat ukoll li l-konvenut dalwaqt ser ighaddi guri fuq it-traffikar tad-droga u ghalhekk hemm possibilita' li jerga' jispicca l-habs, ghad-detriment ta' uliedhu li ser ikollhom jergghu jghaddu mill-istess trawma li diga' esperjenzaw.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu u ghar-ragunjiet suesposti, il-kura u kustodja ghandha tkun esklussiva ghall-attrici, ghandhom jitnehhew is-setghat ta' genitur mill-konvenut, kif ukoll kwalsiasi decizjoni relatati mal-minuri inkluz decizjonijiet fuq safar, edukazzjoni, sahha u hrug ta' passaporti, ghandhom jittiehdu esklussivament mill-attrici.

**<u>Residenza u Access tal-Minuri</u>**

Il-ligi taghna tipprovdi dwar access u li dan ghandu jigi ezercitat b'mod li ma jqieghedx f'riskju u li ma jkunx ta' hsara ghall-wild minuri u lill-attrici ai termini tal-Artikoli 57 (2) u 57 (3) tal-Kodici Civili:-

***"57. (2) Hu mholli fid-dehen tal-Qorti li tistabbilixxi, skond ic-cirkostanzi, iz-zmien, il-lok u l-mod li fihom il-mizzewwgin ikollhom access ghall-ulied;***

***Izda l-Qorti tista' tirrevoka d-dritt ghall-access meta l-konjugi li jinghata tali dritt jonqos milli jezercita tali dritt minghajr raguni valida.***

***(3) Il-Qorti tista' tipprojbixxi ghal kollox lil kwalunkwe wiehed mill-genituri li jkollhom access ghall-ulied minuri taghhom, meta dan jista' jkun ta' hsara ghall-gid tal-istess minuri jew ghall-gid ta' kwalunkwe wiehed mill-genituri."***[42]

Inoltre principju iehor relatat mal-access huwa li dan ghandu dejjem ihares l-interessi tal-minuri. Effettivament, il-gurisprudenza nostrana ukoll irriteniet u segwit dan il-principju fid-decizjonijiet taghha rigwardanti l-access. Fil-kawza **Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro.et.noe.**[43] **il-Qorti rriteniet:-**

***"…fl-ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta' x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn dina l-ottika u hekk motivata (Ara ukoll Av.Dr.Stephen Thake noe. Vs Joseph Portelli Appell Civili deciz fl-4 ta' Novembru, 1994 – LXXVIII.ii.338; Monique Grecula vs Ronald Ellen Grecula deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-6 ta' Marzu, 2002."***

Dan ukoll gie kkonfermat minn dina l-Qorti fis-sentenza **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**[44]**.**

Il-Qorti tirrileva li mhux kontradett li l-attrici dejjem kienet hemm ghall-uliedha u minkejja dak li ghaddew minnhu minhabba l-konvenut, qatt ma ttentat iddawwarhom kontrih, anzi insistiet li ghandu jaghmlu hilithom biex jiltaqghu ma' missierhom. Madanakollu, l-minuri stess iddejjqu jmorru minhabba l-fatt li jew il-konvenut kien jehodhom f'postijiet mhux idoneji jew sahansitra kien imur jahdem u jhallihom wahedhom. Certament dan mhux "quality time" li jehtiegilhom it-tfal.

---

[42] Appell Civili deciza fis-27 ta' Ottubru, 1995 – LXXIX.ii.624

[44] Qorti tal-Appell deciza fl-4 ta' Marzu, 2014

Inoltre, huwa l-istess konvenut li ddecieda li jaqta' ghal kollox ir-relazzjonijiet ma' uliedu hesrem.

It-tfal minuri ghaddew minn hafna eseperjenzi koroh ghall-eta' tenera taghhom u sfortunatament ghandhom eta' fejn jistghu jifhmu s-serjeta' u certi konsegwenzi tal-izbalji ta' missierhom. Il-fatt li llum ir-relazzjonijiet mal-konvenut huma prattikament inezistenti huwa difficli li jerga' jigi instawtrat rapport mil-lum ghal ghadha.

Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha thalli f'idejn it-tfal jekk jridux jaraw jew jkellmu lill-missierhom. Illum ghandhom l-eta' taghhom, ghalkemm ghadhom minorenni, u kellhom diversi esperjenzi difficli li zgur hallew marka fuqhom. Il-Qorti ma thossx illi ghandha timponi obbligu fuqhom u fuq l-attrici biex jmorru ghall-access, izda ser thalli lilhom jiddeciedu jekk u meta jiltaqghu ma' missierhom. Il-Qorti tittama li l-konvenut jaghraf in-nuqqasijiet tieghu f'dan ir-rigward u jkun hu illi jaghmel l-isforz biex terga' tinbena relazzjoni bejnu u bejn uliedu.

**<u>Manteniment Ghall-Minuri</u>**

Ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *"**Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.**"*

Inoltre, l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' dettat skond il-mezzi taghhom, ikkalkulati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

***"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih" u***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust."***

Inoltre, dina l-Qorti rriteniet diversi drabi illi "***dan l-obbligu ghall-manteniment mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut."***[45]

Fis-sentenza **Martina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 inghad hekk:-
***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***

Fis-sentenza **TC vs RM** deciza minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. Nru 272/2018 gie ritenut illi:-

"***…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom, Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

---

[45] Maria Bugeja pro.et.noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja Cit. Nru. 154/94

Il-Qorti taghmel referenza ukoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro.et.noe. vs Joseph Balzan** deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fis-26 ta' Frar, 2015, fejn inghad u gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2016, illi l-Qorti m'ghandhiex ***"tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul…li kapaci jiggenera."***

Permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-14 ta' Ottubru, 2020, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghal tlett minuri fl-ammont ta' €500 fix-xahar, liema somma tinkludi fiha ukoll l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

S'intendi t-tfal minuri ghad ghandhom bzonn hafna spejjez u mentri l-attrici dejjem ghamlet l-almu taghha sabiex tghijex lil uliedha, il-konvenut wasal sabiex bhal dejjem jiehu d-decizjonijiet unilaterali u spicca li beda jhallas lill-attrici s-somma ta' €350 minflok il-€500 kif dekretat minn dina l-Qorti.

Kien biss wara li l-attrici rrikorriet lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali sabiex il-manteniment jibda jinqata' mill-beneficcji li kien jircievi l-konvenut, li spicca beda l-hlas regolari tal-alimenti.

F' Settembru, 2022, il-konvenut rega' waqqaf ihallas il-manteniment, mentri kien qieghed isiefer ta' spiss, anke bil-permess tal-Qorti u ghalhekk jirrizulta li kif tallega l-attrici, ghandu xi forma ta' ntrojtu.

Mill-ahhar informazzjoni li tressaq bhala provi jirrizulta li l-konvenut kien jiggestixxi hanut gewwa r-Rabat pero' mhux car jekk ghadux jahdem hemm jew le.

Saviour Theuma in rapprezentanza ta' Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma ukoll li l-konvenut kien talabhom iwaqqfulu l-carers allowance u da parti taghhom kienu waqqfuh fit-28 ta' Mejju, 2022.[46]

Ghalhekk, jirrizulta li ghalkemm mhuwiex car x'introjtu ghandu l-konvenut, pero' kapaci jahdem u ghandu xi tip ta' introjtu huwa x'inhu. Ghad ghandu ukoll il-licenzja sabiex isuq taxi u ghalhekk anke jista' jaghmel dan ix-xoghol, li zgur ser ihalli introjtu pjuttost tajjeb.

Dwar il-mezzi tal-attrici jirrizulta li tahdem bhala *cleaner* fuq bazi self-employed u hija stess tikkonferma li l-introjtu taghha huwa dak ta' €9,390 fis-sena. Oltre dan tikkonferma li tircievi c-childrens allowance (€$191.93 kull\ xahar\ ghaz - zewgt\ itfal$) u ghandha l-mantneiment, meta jithallas.[47] L-attrici qiedgha tikri post ukoll u parti mill-kera hija ssussidjata mill-Awtorita' tad-Djar u effettivament minn €750 bis-sussidju tiehu €450 u dan peress li kienu hadulhom id-dar bis-subbasta.

In segwitu li qed tircievi manteniment kienu naqsulha l-beneficcji socjali ghall-€350.

L-attrici pprezentat ukoll prospett tal-ispejjes li ghandha relatati mal-minuri.[48] Inoltre, it-tifel LL, minkejja li huwa maggorenni qed jistudja fuq bazi full-time l-MCast u ghaldaqstant jezistu realistikament l-ispejjes edukattivi tieghu ukoll.

---

[46] Dok. S2
[47] Dok PC 2 fol. 435et seq.
[48] Ara rikors ipprezentat fit-8 ta' Mejju, 2020.

Il-Qorti tqis ukoll li l-konvenut ukoll ghad jrid jghaddi guri u l-ezitu tal-verdett u sussegwentement is-sentenza jistghu jwassluh sabiex imur il-habs u ghalhekk ikun impossibbli ghall-konvenut sabiex ikollu introjtu.

In bazi ta' dan kollu u tenut kont tac-cirkostanzi u tenut kont tal-fatt li anke t-tifel Liam Lee ghadu qed jistudja fuq bazi *full-time*, qed izzid in parte fuq id-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru, 2020 u cioe' li l-manteniment ghat-tlitt itfal ghandu jkun dak ta' €525 fix-xahar, jigifieri €175 ghal kull wild, filwaqt li ghandhom jinqassmu l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, li ghandhom jibqghu jithallsu sakemm it-tfal jaghlqu 18-il sena, jew sa 23 sena jekk ikomplu jistudjaw fuq bazi *full-time*.

L-istess somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

**<u>Arretrati ta' Manteniment</u>**

L-attrici qed titlob ghall-arretrati ta' manteniment ghall-perjodu bejn Mejju, 2019 u Ottubru, 2020 u Settembru, 2022 sad-data tas-sentenza u cioe' (€500 x 17 xhur = €8500 + 500 x 18 xhur = €9,000 = **<u>€17,500).</u>**

**<u>Manteniment ghall-attrici</u>**

Gie stabbilit li l-attrici tahdem bhala *cleaner self-employed* u l-paga hija wahda baxxa ta' €9,390 kif diga' gie kkonfermat. Mill-provi jista' jigi kkonstatat li l-attrici kapaci tahdem u dejjem hadmet fejn setghet biex tghijex lill-familja taghha u anke sabiex thallas parti mid-dejn li halla l-konvenut.

Huwa gust ukoll li l-attrici tinghata l-opportunita' li tahdem u l-konvenut jifhem li l-ewwel hemm l-interessi li jghixu familja u mhux il-vendikazzjoni. Il-Qorti qed taghmel referenza ghad-diversi problemi li kellha taffaccja l-attrici minhabba

l-piki tal-konvenut li wasal sabiex irrappurataha mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u anke mal-imghallem taghha u spiccat bla xoghol.

Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti sejra tiffissa retta alimentari ghall-attrici fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, li jsiru pagabbli mill-konvenut jekk l-attrici tisfa bla impieg.

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

Id-dar matrimonjali "Mon Cheri," Triq L. Zamenhoff, Msida spiccat f'idejn il-Bank of Valletta plc wara li sar bejgh b'subbasta, liema proceduri gew inizjati minn LG li kienet kreditrici tal-partijiet. Kienu ghamlu kostituzzjoni ta' debitu mal-istess ghall-ammont ta' €27,000 u ghamlu ipoteka specjali fuq l-istess dar matrimonjali.

Kien ippruvaw jwaqqfu s-subbasta billi ftehmu li jhallsu €5,000 fis-sena, izda l-konvenut qatt ma wasal sabiex jaghmel dawn il-pagamenti u kienet l-attrici biss li rnexxielha taghmel pagament wiehed u bl-ghajnuna tal-Caritas kienet hallset €1,000 ohra (€500 hi u €500 il-Caritas).

Inoltre, peress li l-konvenut iffaccja proceduri l-Qorti minhabba traffikar tad-droga, gew iffrizzati l-assi u l-kontijiet bankarji u l-proprjeta' taghhom u kwindi kien iktar difficili ghall-attrici sabiex thallas il-loan mal-bank jew tbiegh il-propjeta'.

Ghandu jigi rilevat ukoll li l-attrici kienet inizzjat proceduri l-Qorti kontra l-kreditrici LG u dan sabiex tattakka l-validita' tal-kostituzzjoni ta' debitu u dan minhabba li gie ffirmat bil-forza u bi vjolenza, pero' sallum dawn il-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Permezz ta' sentenza in parte datata 4 ta' Ottubru, 2022, dina l-Qorti kienet ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Vetturi**

Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezentat l-informazzjoni dwar id-diversi vetturi li kienu u ghadhom jappartjenu lill-partijiet. Ghall-attrici dawk li huma ta' interess huma dawk il-vetturi li nxtraw waqt iz-zwieg u ma haditx sehemha minnhom anke jekk gew trasferiti. L-attrici sussegwentement ipprezentat lista ta' dawn il-vetturi u da parti tieghu, il-konvenut ma pprezenta ebda kontestazzjoni.

**i) Renault Megane LGY 111**

Cremona kkonfermat li dina l-vettura kienet qed tintuza mill-konvenut bhala taxi u kellu l-licenzja valida sa Dicembru, 2018. L-attrici tikkonferma li din il-vettura kienet inxtrat ghall-valur ta' €6000 u ghalhekk qed titlob nofs dina s-somma.

ii) **Ford Tourneo Custom ZLY 010 u Peugeot 306 IBE 489** li kienu nxtraw fiz-zwieg pero' l-attrici ma kinitx taf tindika l-valur tal-istess vetturi u kemm inbieghet jew jekk ghadhomx fil-pussess tieghu.

**iii) Toyota Vitz LEE 148**

L-attrici tikkonferma li dina l-vettura kienet inxtrat fiz-zwieg bi flus li kienu selfuha l-genituri taghha u cioe' l-ammont ta' €10, 482.18 Prezentement tishaq li

ma setghetx tuza’ dina l-vettura peress li l-konvenut ma riedx jaghtiha permess sabiex thallas il-licenzja u l-insurance u dan peress li kien jaf li kienet qed taghmel uzu mill-istess vettura biex twassal lit-tfal u ghall-bzonnijiet taghhom.

Ghalhekk l-attrici qed tippretendi li tithallas nofs sehemha tal-istess vettura u cioe’ s-somma ta’ €5, 241.09.

**iv) <u>Skoda Octavia ALY 111</u>**

L-attrici resqet provi li l-istess vettura kienet inxtrat minn Frank Borda Ltd b’hire purchase, fejn il-l-konvenut kien hallas €500 u €3,660 u kien fadallu li jhallas bilanc ta’ €27,884.10. Mill-pagamenti li saru, il-konvenut kien baqghalu xi jhallas is-somma ta’ €11,003 u jirrizulta li b’hekk b’kollox hallas €21,041.10 u l-attrici qed tippretendi li tinghata sehemha u cioe’ s-somma ta’ €10,520.55.

Gie kkonfermat ukoll minn Brian Camilleri in rapprezentanza ta’ Frank Borda Ltd. Li kienu hadu lura dina l-vettura peress li l-bilanc li kien fadal, li kellu jithallas minn hu l-konvenut, A, ma thallasx.

**<u>Kontijiet Bankarji</u>**

Dwar il-kontijiet bankarji jirrizulta li l-partijiet kellhom kontijiet kemm mal-Bank of Valletta plc. Kif ukoll mal-HSBC Bank Malta plc. Jirrizulta li hemm *home loan* mal-Bank of Valletta plc u spejjes legali relatati mal-proceduri li ttiehdu fil-konfront taghhom.

Fuq kollox, ir-rapprezentant tar-Registru Civili u Tribunali kkonferma li kien hemm *freezing order* u diversi mandati ta’ sekwestri fil-konfront tal-intimat, il-maggorparti fil-konfront tal-Bank of Valletta plc. Fl-ammont ta’ €104, 099.13 u ghaldaqstant bhala rizultat m’hemmx flejjes fil-kontijiet bankarji taghhom.

In vista tal-fatt li l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti taqbel mal-pretensjoni attrici li l-konvenut ghandu jkun responsabbli ghad-dejn li hemm mal-Bank of Valletta plc, kif ukoll spejjes ohra ma' banek ohra u kwalsiasi spejjes ohra relatati mal-proceduri li ttiehdu fil-konfront taghhom.

**<u>Dejn Iehor</u>**

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li tul iz-zwieg, il-konvenut rnexxielu jakkumula dejn sostanzjali u dawn huma s-segwenti:-

i) €27,000 dovuti lil LG (u l-partner taghha D G ), oltre l-ispejjez legali u imghaxijiet dovuti u dan jiddependi kemm il-darba fuq l-ezitu tal-proceduri mehuda mill-attrici ghall-annullar tal-kostituzzjoni ta' debitu jew meno.

Fil-kaz li dina l-Qorti tiddeciedi a favur G, l-attrici tinsisti li dan id-dejn ghandu jithallas mill-konvenut.

Konsiderando li dan id-dejn sar ghal hu l-konvenut A u tenut kont tal-fatt li l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, ghandu jassumi dan id-dejn.

ii) Arms Ltd. Hemm dejn ta' €7,020.88 bhala arretrati ta' pagamenti tal-kontijiet tad-dawl u ilma. Ir-rapprezentant tal-Arms ikkonferma li kienu iskrivew ipoteka generali bhala garanzija ta' dan il-kreditu u dan kien fit-3 ta' Dicembru, 2021.

Dan id-dejn ghandu jkun responsabbli ghalih il-konvenut u dan meta l-agir tieghu u l-konsegwenza tal-iffrizar tal-assi waslu sabiex dawn il-kontijiet ma setghux jithallsu.

iii) Yellow Pages Ltd. – Fil-mori tal-proceduri, l-attrici saret taf li kien hemm dejn ta' €2, 378.13 ghal xi reklamar li ghamel il-konvenut. Ghal darb'ohra dan id-dejn ma thallasx, tant li l-istess socjeta' kellha tintavola mandat ta' sekwestru ezekuttiv.

Dan l-ammont ghandu jigi assunt mill-konvenut u dan meta l-attrici ma kienet taf xejn dwaru.

iv) Go plc. – id-dejn huwa ta' €1,618.77 (€1,274 u €344.77), izda r-rapprezentant tal-istess socjeta' kkonferma li l-konvenut ghadu m'ghamilx il-pagamenti minkejja li kien inhareg mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu.

Dan id-dejn ukoll ghandi jigi assunt mill-konvenut.

v) Solar Engineering Ltd – id-dejn jammonta ghal €34,039.50 u dan wara li l-konvenut kien xtara sistema photovoltaic ghall-ammont ta' €8,887. Kien beda jaghmel xi pagamenti mensili, izda mbaghad kien waqaf u l-interessi kienu akkumulaw fuq l-ammont dovut minnu.

B'kollox dan id-dejn imsemmi jammonta ghal €72,057.28 u maghhom ghandhom jizdiedu d-dejn dovut lill-Bank of Valletta plc. fil-maggorparti tieghu l-house loan.

Fil-kaz li l-konvenut jonqos li jhallas dan id-dejn, ghandu jiddenizza lill-attrici kemm il-darba thallas dan id-dejn hi.

Inoltre, l-attrici ghandha l-pretensjonijiet taghha fuq il-vetturi fuq imsemmija u dawn ukoll ghandhom jigu mhallsa mill-konvenut lill-attrici, liema somma tammonta ghal €18,761.64.

Il-konvenut ghandu jkun responsabbli ukoll ghal kwalsiasi dejn iehor li jista' jirrizulta sad-data tas-sentenza u dejjem ikun hemm dritt ta' indenizz a favur l-attrici kemm il-darba thallas l-istess dejn hi.

Il-Qorti tilqa' ukoll il-pretensjoni attrici li kwalsiasi flejjes li gew depositati l-Qorti ppermezz tal-mandati ta' sekwestri u *freezing orders* ghandhom jigu assenjati lilha u qeghdha tinghata l-awtorizzazzjoni li tirtira l-istess flejjes.

**<u>Assi Parafernali</u>**

M' hemmx kontestazzjoni li l-attrici kienet hallset €10,715,15 – Lm4,600) flus lejn l-akkwist tad-dar matrimonjali u dawn ghandhom jigu rifuzi lilha, anke tramite l-flejjes li jigu zbankati mill-depositati l-Qorti.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba vjolenza, sevizzi u eccessi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici u konsegwentement tordna lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.
2. Tordna li l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kodici Civili u dan fl-interess suprem tal-minuri.

3. Tordna li l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri M u K  tigi fdata f'idejn l-attrici.
4. Tawtorizza lill-attrici tiehu decizjonijiet kollha rigward sahha, edukazzjoni, safar u hrug ta' passaporti tal-minuri minghajr il-kunsens tal-konvenut.
5. Tordna li l-minuri M u  K ghandhom jirrisjedu mal-attrici u d-domicilju u residenza ordinarja tal-minuri ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin.
6. Tordna li l-access tal-konvenut ghall-minuri M  u K jigi ezercitat kif fuq imfisser.
7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tiffissa u tillikwida manteniment billi tikkonferma d-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru, 2020 u tordna lill-konvenut ihallas €525 fix-xahar ghat-tlett ulied, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, liema ammont ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal jaghlqu 18-il sena, jew sa 23 sena jekk ikomplu jistudjaw fuq bazi *full-time*.

L-istess somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Tordna ukoll lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €17,500 kif fuq imfisser.

Tiffissa manteniment ghall-attrici fis-somma ta' €200 fix-xahar, pagabbli fl-eventwalita' li ma jkollhiex impieg.

8. Tordna li l-konvenut ihallas nofs l-ispejjez kollha relatati mas-sahha, hrug tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm it-tfal jaghlqu 18-il sena, jew sa 23 sena jekk ikomplu jistudjaw fuq bazi *full-time*, inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.
9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-talba stante dak li diga' gie deciz fuq il-manteniment.
10. Tilqa' l-ghaxar talba attrici u tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-attrici.

11. Tilqa' l-hdax-il talba attrici stante l-htija tal-konvenut u tordna d-dekadenza tieghu mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et. Seq. tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
12. Tilqa' t-tnax-il talba attrici u tiddikjara xolta u tterminata l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidawha u tassenjaha kif fuq imfisser.
13. Tilqa' t-tlettax-il talba attrici u tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni mobbli u immobbli kollha parafernali taghha.
14. Tilqa' l-erbatax-il talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha.
15. Tichad dina t-talba stante li m'ghadx hemm in-necessita'.
16. Tilqa' s-sittax-il talba attrici u tawtorizza lir-Registru Pubbliku jirregistra l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**